# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 19 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 8**

**Appell Numru 322/2023/1**

**Reactilab Limited (C 56095)**

**vs.**

**Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (bħala l-Awtorità Kontraenti) u FEROX Trading Limited C-97001 (bħala l-Oblatur Rakkomandat)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Reactilab Limited kontra deċiżjoni mogħtija mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi fis-6 ta' Ġunju, 2023, li permezz tagħha l-Bord ma laqax l-oġġezzjoni tagħha dwar it-twarrib tal-offerta tagħha għall-ewwel lott tas-sejħa pubblika bin-numru ta' riferenza WSC/T/78/2022.

**Daħla**

2. Fid-9 ta' Awwissu, 2022, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ħabbret sejħa pubblika (WSC/T/78/2022) bl-isem ta', *"Supplies - Supply, Delivery, Installation and Commissioning of Water Quality Monitoring Stations and Instrumentation For AI In Water Blending For the Water Services Corporation."*

3. Kif wieħed dlonk jista' josserva minn **Artikolu 1.1**, f'paġna 3 tad-dokument tas-sejħa, din is-sejħa kienet maqsuma f'żewġ lottijiet differenti. L-ewwel lott kien għas-*Supply, Delivery, Installation and Commissioning of Water Quality Monitoring Stations*, filwaqt li t-tieni lott kien għas-*Supply and Delivery of Submerged Level Sensors*.

4. Kull lott kien meqjus bħala kuntratt għalih u kull offerent skont **Artikolu 3** (ara paġna 4 tad-dokument tas-sejħa) seta' jitfa' offerti għal kull wieħed minn dawn iż-żewġ lottijiet.

5. L-appell tal-lum jolqot biss l-ewwel lott, li għandu x'jaqsam mal-għoti, mat-twassil, mal-installazzjoni u mal-kummissjonar ta' stazzjonijiet ta' indukrar dwar il-kwalità tal-ilma.

6. Illi skont il-**klawsola 2.0** tat-Tielet Taqsima, f'paġna 15 tad-

dokument tas-sejħa, l-offerent kellu jipprovdi:

> *"Ten Monitoring stations which measure the following parameters in water: pH, Temperature, Free Chlorine, Conductivity, Turbidity and Nitrates via the use of water instruments such as probes for PH, Temperature, Chlorine and Conductivity and UV-VIS spectrum analysers for Turbidity and Nitrates."*

7. B'ittra tat-13 ta' April, 2023, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma bagħtet tgħarraf lill-kumpanija Reactilab Limited illi:

> *"I regret to inform you that the tender is being recommended for cancellation for the following reason:*
>
> *Regarding Section 3 of the tender dossier, Clause 2.1, item 2: The contracting authority requested "One Analyser for Nitrates and Turbidity" which makes use of UV-Vis spectrometry in the range of 200-720 nm, with a single automatic brush cleaning apparatus. The offer(s) provided by the contractor were comprised of separate sensors for nitrates and turbidity.*
>
> *For your information the tender is being recommended for award to Ferox Trading Limited - TID 179867 for the amount of €465,811.40 excluding VAT."*

8. Il-**klawsola 2.1** f'***item 2***, li tissemma f'din l-ittra ta' skwalifika kienet tgħid hekk:

| **2.** | **One Analyser For Nitrates And Turbidity** | |
|---|---|---|
| **2.1** | Measuring principle for NITRATES ( NO3-) and TURBIDITY | UV-Vis spectrometry 200– 720 nm |

9. Fil-21 ta' April, 2023, Reactilab Limited ressqet ittra ta' oġġezzjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi kontra d-deċiżjoni tal-iskwalifika tagħha u kontra l-għoti tal-kuntratt lil FEROX Trading Limited. Hija argumentat li l-iskwalifika tagħha kienet inġusta għaliex

imkien fid-dokument tas-sejħa ma kien hemm imniżżel li ma setax jiġi provdut *analyzer* wieħed li jaħdem b'żewġ sensuri, wieħed għan-nitrat u ieħor għat-turbidità.

10. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma wieġbet bil-miktub li l-offerent kien mistenni li jipprovdi tagħmir wieħed li jkun kapaċi jiddetermina n-nitrat u turbidità fl-istess ħin. Dak provdut minn Reactilab Limited ma setax jitqies bħala *analyzer* wieħed għaliex biex jaħdem kellu bżonn ta' żewġ *sensors*. Għalhekk il-Korporazzjoni sostniet li l-iskwalifika kienet tajba.

11. B'deċiżjoni mogħtija fis-6 ta' Ġunju, 2023, il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, iddeċieda l-każ hekk:

> *"Considered the arguments and documentation from all parties, and the testimony of the witnesses called to testify, and is of the view that Appellant did not offer what was required. The appellant offered two separate items to measure Nitrates and Turbidity while what the tender requested was one analyser which can measure different parameters.*
>
> *The Board therefore concludes and directs that:*
>
> *a) Does not uphold the Appellant's Letter of objection.*
> *b) Upholds the Contracting Authority's decision in the award of the tender.*
> *c) Directs that the deposit paid by the Appellant not to be reimbursed."*

12. Reactilab Limited appellat minn din is-sentenza fis-26 ta' Ġunju, 2023 u talbet biex din il-Qorti tħassar id-deċiżjoni tal-Bord u minflok tiddikjara li l-offerta tagħha hija dik rebbieħa tas-sejħa jew inkella tagħti

kull ordni oħra li tkun xierqa għall-każ. Fil-qosor ħafna, l-aggravji tagħha huma: (i) li d-dokument tas-sejħa ma kienx jeskludi l-possibbilità li jiġi offrut analizzatur wieħed b'żewġ sensuri; (ii) li l-Bord injora x-xhieda ta' Dr Thorsen Knutz fejn qal li analizzatur b'sensur wieħed, li jqis fl-istess ħin in-nitrat u t-turbidità, mhuwiex konformi mar-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea u ma jistax ilaħħaq mal-firxa tal-kejl tal-ispettrometrija mitluba fis-sejħa ta' bejn 200-720 nanometri; u (iii) li d-depożitu li hija ħallset biex setgħet oġġezzjonat quddiem il-Bord għandu jiġi mrodd lura lilha.

13. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma wieġbet għal dan l-appell fl-24 ta' Lulju, 2023, filwaqt li FEROX Trading Limited wieġbet fit-22 ta' Settembru, 2023 u fit-tweġiba tagħhom insistew li l-appell għandu jiġi miċħud u li s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata.

14. Inżamm smigħ fit-28 ta' Settembru, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

15. Il-kwistjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija jekk l-offerta mixħuta mill-kumpanija appellanti toqgħodx mal-ispeċifikazzjoni teknika msemmija fi **klawsola 2.1** tat-Tielet Taqsima tad-dokument tas-sejħa. Skont din il-klawsola l-oblatur ekonomiku kellu jipprovdi analizzatur wieħed li kien kapaċi jikkalkula n-nitrat u t-turbidità fl-ilma fuq firxa ta'

bejn 200 u 720 nm.

16. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma skwalifikat l-offerta tal-kumpanija appellanti għaliex sabet li l-prodott offrut minnha ma kienx mgħammar minn apparat wieħed li jqis f'daqqa n-nitrat u t-turbidità kif mitlub fis-sejħa, iżda kien magħmul minn apparat b'żewġ sensuri, wieħed għan-nitrat u l-ieħor għat-turbidità. Ħaġa li skont il-Korporazzjoni ma kinitx aċċettabbli skont id-dokument tas-sejħa.

17. Il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi mingħajr dettall, qal biss fis-sentenza tiegħu, li s-sejħa kienet qiegħda titlob li jingħata analizzatur wieħed u ladarba l-kumpanija appellanti offriet żewġ oġġetti (*items*) separati biex jikkalkulaw in-nitrat u t-turbidità, allura l-offerta tagħha kienet ħażina.

18. Il-kumpanija appellanti ma taqbilx li l-apparat tagħha jmur kontra l-ispeċifikazzjoni teknika msemmija fi klawsola 2.1 u tibqa' tinsisti li l-prodott tagħha huwa konformi ma' dak mitlub fis-sejħa. Minħabba f'hekk hija ressqet dan l-appell.

19. Bħala punt ta' tluq, din il-Qorti temmen li m'għandux ikun hemm dubju li kull min huwa involut fil-proċess ta' sejħa pubblika, inkluż ukoll dawk li huma mgħobbija bl-oneru li jiġġudikaw is-sejħa, huma kollha

marbuta bil-kundizzjonijiet li jkunu mniżżla fid-dokument tas-sejħa. Bilkemm hemm bżonn illi jingħad, mhuwiex leċitu li wieħed jitbiegħed mill-parametri stretti li jkunu msemmija fid-dokument tas-sejħa għaliex inkella jiġi mkasbar il-prinċipju tat-trasparenza u tat-trattament indaqs li jrid jinżamm bejn l-operaturi ekonomiċi. Minn dan isegwi, li dak li jħoll u jorbot mhumiex l-assunzjonijiet ta' xi parti dwar x'inhu l-aħjar għall-awtorità kontraenti iżda l-ispeċifikazzjonijiet li effettivament ikun hemm imniżżla fid-dokument tas-sejħa (ara ***SR Environmental Solutions Limited v. Dipatiment tal-Kuntratti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar, 2015).

20. F'dan is-sens l-awtoritajiet kontraenti għandhom jiżguraw mhux biss li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn operaturi ekonomiċi, iżda wkoll u fuq kollox li t-termini tas-sejħa jiġu segwiti bl-istess mod għal kulħadd (ara ***Pharma-Cos Limited v. Central Procurement and Supplies Unit et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' April, 2016). Biex jiġi żgurat il-ħarsien ta' dawn il-prinċipji, l-awtorità kontraenti hija marbuta li tosserva strettament il-kriterji li hija stess tkun stabbiliet (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tad-29 ta' April, 2004, ***C-496/99 Il-Kummissjoni v. CAS Succhi Di Frutta***, punt 115).

21. Dan il-prinċipju, *viz*. li awtoritajiet kontraenti għandhom joqogħdu

rigorożament mal-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa ġie mħaddan ukoll f'għadd ta' sentenzi lokali (ara pereżempju ***Joe Micallef & Son Express Skip Services Limited v. Id-Direttur tal-Anzjani u Kura fil-Komunità et*** tas-27 ta' April, 2014).

22. L-offerent, anke jekk joffri prodotti aħjar, għandu jkun skwalifikat jekk il-prodott offrut ma jkunx skont kif indikat fis-sejħa (ara ***ProCare Ltd v. Central Procurement and Supplies Unit et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2019). Il-prinċipju ta' trasparenza jrid li l-kumitat ta' evalwazzjoni jimxi mad-dettalji tekniċi kif imniżżla fid-dokumenti tas-sejħa, u mhux jiddeċiedi li jagħżel liema li jidhirlu li hi l-aħjar offerta (ara ***Transport Services for Disabled Persons Co-Operative Limited v. Id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2016).

23. Huwa loġiku li speċifikazzjonijiet tekniċi ma jiġux stipulati f'dokument ta' sejħa għall-offerti għalxejn b'xejn. Iżda dawn jiġu mdaħħla għaliex l-awtorità kontraenti tkun qed tfittex prodott li jkollu dawk l-ispeċifikazzjonijiet partikolari. Jekk allura oblatur ekonomiku joffri prodotti u sistemi bi speċifikazzjonijiet differenti minn dawk imsemmija fid-dokument tas-sejħa allura dan ma jistax jilmenta għall-fatt li ġie maqlugħ 'il barra. Dan minħabba li jkun in-nuqqas tiegħu milli jagħti prodott konformi li jwassal għall-iskwalifika tiegħu u mhux l-għemil jew l-

ommissjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

24. Madankollu, daqskemm awtorità kontraenti ma tistax taċċetta offerta li ma tkunx toqgħod ma' dak mitlub fis-sejħa, daqstant ieħor però hija ma tistax twarrab offerta fuq raġunijiet li ma jkunux previsti fid-dokument tas-sejħa (ara ***Grange Security [Malta] Ltd. v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Lulju, 2015). Kif ingħad fis-sentenza C-278/14 ***SC Enterprise Focused Solutions SRL v. Spitalul Județean de Urgență Alba Iulia*** deċiża fis-16 ta' April, 2015,

> *"il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u l-obbligu ta' trasparenza jipprekludu lill-awtorità kontraenti milli tiċħad offerta li tissodisfa r-rekwiżiti fl-avviż ta' sejħa għal offerti u li tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq raġunijiet li ma jkunux previsti fl-avviż."*

25. Imħaddem dan kollu għall-każ tal-lum, il-kumpanija appellanti tissottometti fl-**<u>ewwel aggravju</u>** tagħha li l-Korporazzjoni appellata u l-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ma għarfux jagħmlu distinzjoni bejn analizzatur u sensur u qiesu dawn iż-żewġ affarijiet daqslikieku dawn kienu jfissru l-istess ħaġa. Tfisser li l-prodott offrut minnha kien fih *spectrum analyser* wieħed, li kien mgħammar b'sensur għan-nitrat u b'sensur għat-turbidità sabiex b'hekk jiġi żgurat illi l-kalkolu jiġi jaqbel eżatt mal-firxa ta' 200-720 nm mitlub fl-ispeċifikazzjoni teknika. Iżżid li mkien ma hemm imniżżel fid-dokument tas-sejħa li ma setax jiġi offrut analizzatur wieħed b'żewġ sensuri.

26. Din il-Qorti wara li ħasbet sew fuq il-materja, tqis li l-kumpanija appellanti għandha raġun fl-ilment tagħha.

27. Huwa ċar mill-konklużjoni lakonika tal-Bord, li dan naqas għalkollox milli jqis kif imiss l-oġġezzjoni li kellu quddiemu. Il-kwistjoni li ried jaqta' l-Bord kienet jekk il-**klawsola 2** fit-Tielet Taqsima tas-sejħa, li kienet tirreferi għal O*ne Analyzer for Nitrates and Turbidity* kinitx tipprekludi offerent milli joffri analizzatur wieħed, iżda li jaħdem b'żewġ sensuri. Sfortunatament il-Bord ma daħal xejn fuq dan il-punt u spiċċa biss biex tenna dak li kienet qalet il-Korporazzjoni appellata mingħajr ebda spjegazzjoni għaliex kien qiegħed iħaddan din il-pożizzjoni.

28. Din il-Qorti fliet id-dokument tas-sejħa u tosserva li filwaqt li fi **klawsola 2** tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi hemm riferenza għal analizzatur, mill-banda l-oħra fi **klawsoli 3** sa **5** hemm riferenza għal sensuri. Dan jagħti x'jifhem lil din il-Qorti li analizzatur u sensur m'għandhomx l-istess tifsira fid-dokument tas-sejħa għaliex li kieku dawn kienu jfissru l-istess, allura l-klawsoli kollha minn 2 sa 5 kienu jirreferu jew għal kelma '*analyser'* jew għall-kelma '*sensor*'. Għalhekk il-fatt li fi **klawsola 2** ma tintużax il-kelma '*sensor*' iżda l-kelma '*analyser*' huwa sintomatiku li dawn iż-żewġ kelmiet ma jfissrux l-istess.

29. Issa jirriżulta mill-atti tal-kawża li jeżistu analizzaturi b'sensur

wieħed li jirrileva f'daqqa n-nitrat u t-turbidità, u jeżistu wkoll analizzaturi b'żewġ sensuri separati, wieħed li jagħraf in-nitrat u ieħor separat li jagħraf it-turbidità. Fil-fatt jidher li l-fornitur tal-kumpanija appellanti jimmanifattura ż-żewġ tipi ta' analizzaturi. F'dan il-każ, il-kumpanija appellanti tgħid li offriet analizzatur b'żewġ sensuri għaliex huwa dan it-tip ta' analizzatur biss li kapaċi jilħaq il-firxa tal-kejl tal-ispettrometrija mitluba fid-dokument tas-sejħa.

30. Fil-fehma tal-Qorti peress li l-**klawsola 2** tirreferi biss għal '*analyser*' wieħed, bla ma ssemmi xejn dwar sensuri, allura ma jistax jingħad li l-offerta tal-kumpanija appellanti kienet bi ksur ta' din il-klawsola. Għalkemm l-apparat offrut minnha kien mogħni b'żewġ sensuri, xorta jibqa' l-fatt li hija offriet analizzatur wieħed. Jekk l-awtorità kontraenti riedet tikseb analizzatur b'komponent jew b'sensur wieħed, allura hija messha kitbet hekk fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħha.

31. Darba li fi **klawsola 2.1** m'hemm xejn li jeskludi offerenti milli joffru analizzatur b'żewġ sensuri u darba li ma ntweriex li l-analizzatur offrut mill-kumpanija appellanti ma jlaħħaqx mal-firxa ta' 200-720 nm mitluba fis-sejħa, allura t-twarrib tal-offerta fuq is-saħħa ta' din ir-raġuni hija ħażina.

32. Xejn ma jiswa dak li tgħid il-Korporazzjoni appellata li l-

manutenzjoni ta' analizzatur b'żewġ sensuri huwa aktar għoli mill-manutenzjoni ta' analizzatur, b'komponent wieħed li jagħraf in-nitrat u t-turbidità. Dan għaliex dak li jgħodd huwa x'hemm miktub fid-dokument tas-sejħa u kif ingħad aktar kmieni offerta ma tistax tiġi mwarrba fuq raġuni li ma tkunx prevista fid-dokument tas-sejħa. Għal darb'oħra jerġa' jingħad li l-Korporazzjoni appellata messha għamlitha ċara fis-sejħa jekk hi ma riditx analizzatur b'aktar minn sensur wieħed.

33. B'żieda ma' dan, huma prinċipji legali magħrufa li, "*semper in dubiis benigniora praeferenda sunt*" (*i.e.* f'każijiet dubjużi wieħed għandu jieħu t-triq li hija l-inqas ħarxa) u li, "*in re dubia benignorem interpretationem sequi non minus iustius est quam tutius*" (*i.e.* huwa inqas riskjuż u aktar xieraq li wieħed jimxi ma' interpretazzjoni li tkun inqas stretta).

34. Kif ingħad f'għadd ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, biex il-proċess jitqies li jkun ħares il-ħtieġa tat-trasparenza hemm bżonn li t-termini tas-sejħa jkunu mniżżla b'mod ċari u preċiżi, ħalli dawn ikunu jistgħu jinftiehmu mill-operaturi ekonomiċi (ara *inter alia* ***Każ C-31/87 Gebroeders Beentjes BV v. L-Olanda; Każ T-203/96 Embassy Limousine and Services v. Parliament***; ***Każ C-470/99 Universale-Bau v. EBS***; ***Każ C-448/01 EVN AG, Wienstrom GmbH v. Republik Österreich et***; u ***Każ C-5832/06 Emm. G. Lianakis***

***v. Dimos Alexandroipolis***).

35. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti tqis li interpretazzjoni bilanċjata ta' **klawsola 2.1** tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandu jwassalha biex issib li f'dan il-każ l-iskwalifika tal-offerta tal-kumpanija appellanti minħabba li provdiet analizzatur b'żewġ sensuri, ma tistax titqies bħala waħda misħoqqa, ladarba din il-klawsola ma kinitx tipprojbixxi b'mod ċar li offerent ma setax joffri analizzatur b'aktar minn sensur wieħed jew b'aktar minn komponent wieħed.

36. Jiġi b'hekk, li l-ewwel aggravju tal-kumpanija appellanti huwa tajjeb u bħala konsegwenza d-deċiżjoni dwar l-iskwalifika tal-offerta tagħha sejra tiġi mħassra.

37. Naturalment, billi sejjer jintlaqa' l-ewwel aggravju, din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tidħol biex tqis it-tieni aggravju dwar l-ilment li l-Bord ma tax kas tal-espert *ex parte* li xehed quddiemha.

38. Fuq l-**aħħar aggravju** dwar ir-radd lura tad-depożitu mħallas minnha biex setgħet oġġezzjonat quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, dan sejjer jintlaqa' ladarba nstab f'din is-sentenza li l-kumpanija appellanti kellha raġun tilmenta kontra l-iskwalifika tagħha.

39. Il-Qorti tagħlaq billi tgħid li għalkemm hija sejra tilqa' l-appell fejn għandu x'jaqsam mat-tneħħija tal-iskwalifika tal-kumpanija appellanti, hija mhijiex sejra tilqa' t-talba tal-kumpanija appellanti sabiex il-kuntratt pubbliku jiġi mogħti lilha.

40. Filwaqt li din il-Qorti għandha s-setgħa li tistħarreġ u tbiddel sentenzi tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, min-naħa l-oħra hija ma tarax li huwa xogħolha li taġġudika kuntratti favur operaturi ekonomiċi partikolari. Bħalma ntqal mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Office Group Limited v. Direttur tal-Corporate Services fil-Ministeru tal-Ġustizzja, Djalogu u Familja et*** tas-16 ta' Settembru, 2013, il-Qorti tal-Appell ma tistax tilqa' talbiet biex kuntratti jingħataw lil xi ħadd partikolari minħabba li l-kompitu li jagħżel bejn l-offerenti mhuwiex tal-Qorti iżda tal-awtoritajiet konċernanti, naturalment suġġett għal dritt ta' reviżjoni u ta' appell jekk ikun il-każ.

41. Li ħa tagħmel il-Qorti huwa li tibgħat l-atti lura lill-Korporazzjoni appellata sabiex toħroġ aġġudikazzjoni ġdida, b'dana li hija m'għandhiex tiskwalifika oblaturi ekonomiċi minħabba li dawn ikunu offrew analizzatur b'aktar minn sensur wieħed.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tilqa'** l-appell billi

tħassar is-sentenza tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi u billi tħassar ukoll l-iskwalifika ta' Reactilab Limited u l-għoti tal-kuntratt lil FEROX Trading Limited, kif imfissra mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma bl-ittra tat-13 ta' April, 2023. Minflok tordna li l-atti għandhom imorru lura għand il-Korporazzjoni appellata sabiex terġa' toħroġ aġġudikazzjoni ġdida, b'dana illi hija għandha taċċetta offerti li jkun fihom analizzaturi b'aktar minn sensur wieħed li jagħraf in-nitrat u t-turbidità.

Tordna wkoll illi d-depożitu mħallas minn Reactilab Limited biex setgħet tressaq l-oġġezzjoni tagħha quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi jintradd lura lilha.

Fl-aħħar nett tordna li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-Ilma.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr